MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 350/2005

**Aluserv Limited (C-16207)**
**vs**
**Paul Mousu`**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Jannar, 2005, fejn intqal :**
**Illi l-attur kien ghamel xogholijiet ta' aluminium fuq struzzjonijiet tal-konvenut liema xogholijiet saru u gew kkonsenjati lill-konvenut;**
**Illi l-konvenut kien interpellat sabiex ihallas l-ammont ta' tlett mitt lira Maltija u erbghin centezmu (Lm300.40) u xorta baqa' nadempjenti.**
**Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' tlett mitt lira Maltija u erbghin centezmu (Lm300.40), bl-ispejjez kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-17 ta' Frar, 2005, fejn intqal :**
**Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici peress illi l-ammont rikjest mhux dovut, u dan stante illi x-xoghol maghmul mis-socjeta` attrici fih diversi nuqqasijiet u difetti u inoltre ma giex esegwit skond l-arti u s-sengha jew skond kif pattwit bejn il-partijiet, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, b'dan illi l-eccipjenti sahansitra sofra danni konsegwenzjali, u ghaldaqstant qieghed jirriserva minn issa illi jipprocedi ulterjorment fil-konfront tas-socjeta` attrici ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu sofferti, kif fuq premess.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Vassallo, Eric Catania, Paul Mousu. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Illi skond ma xehed Mark Vassallo ghas-socjeta' attrici x-xoghol kien gie ordnat ghal habta ta' Ottubru/Novembru 2001 u tqieghed f'Dicembru 2001, filwaqt li t-tieni fazi tax-xoghol saret f'Jannar 2002.**

**2. Jirrizulta illi f'Mejju 2002 il-konvenut hallas tax-xoghol li kien tqieghed f'Dicembru 2001.**

**3. Dwar ix-xoghol ta' Jannar 2002 kien sar pagament f'April 2004 u pagament iehor f'Lulju 2004, u fuq dan ix-xoghol fadal l-ammont reklamat.**

**4. Il-konvenut qed ighid illi x-xoghol sar hazin u f'dan ir-rigward ilmenta fuq ir-« rubber » tat-twieqi li skond hu saret minn barra meta kellha ssir minn gewwa, u bis-shana tax-xemx dana tghawweg. Skond l-istess konvenut is-socjeta' attrici kienet baghtitlu mpjegati biex jissigillaw il-conservatory. Hu lmenta li dawna poggew is-silicone fuq il-qatran. Jispjega wkoll illi f'dan is-sens ix-xoghol ma sarx sew ghaliex kellu jaqla' x-xoghol ta' qabel u jerga' jaghmlu sabiex isir sew.**

**5. Kien hemm ilment ukoll fuq « lock » ta' bieb. Skond il-konvenut ircieva stima ta' hamsa u ghoxrin lira tal-« lock » pero' x-xoghol ma sarx.**
**6. Jirrizulta mill-kumpless tal-provi illi l-konvenut u l-imsemmi Mark Vassallo kienu hbieb u kien hemm certa fiducja bejn il-partijiet.**
**7. Jirrizulta illi s-socjeta' attrici meta kien hemm problema ghamlet hilitha sabiex tirranga. Gie wkoll spjegat illi fuq is-saqaf tal-conservatory msemmi ma sarx sealer kif allegat izda « waterproofing sheet ». Jirrizulta illi rigward it-twieqi r-«rubber gasket » isir minn gewwa u s-silicone jsir minn barra, pero' fil-kaz tal-« french windows » ir-« rubber gasket » isir minn barra.**
**8. Is-surveyor Eric Catania kien mar fuq il-post u ra l-ilmenti. Is-surveyor ikkonkluda illi dwar il-lock tal-bieb dana kien mill-uzu ta' min qed joqghod fid-dar. Huwa minnu illi s-surveyor huwa mpjegat tas-socjeta' attrici, u t-Tribunal qed jiehu dan in konsiderazzjoni. It-Tribunal qed jiehu wkoll konjizzjoni tar-ritratti esebiti Dok PM 1 sa PM 6 u dawna ma jindikaw b'ebda mod xoghol hazin, ghajr xi ftit tat-tbewwieq fir-rubber.**
**9. Mill-kumpless tal-provi ma jirrizultax sufficentement pruvat dak li qed jallega l-konvenut illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. Pero' t-Tribunal qed jikkoncedi illi tali rubber ma kellux jitbewwaq. Ghaldaqstant it-Tribunal qed inaqqas mis-somma mitluba s-somma ta' tmenin lira (Lm80.00) ghar-riparazzjonijiet li jistghu jkunu mehtiega fl-imsemmija rubber, ghalkemm wiehed qed jiehu wkoll in konsiderazzjoni illi x-xoghol in kwistjoni kien sar fil-bidu tat-2002. Ghalhekk l-ammont bilancjali mitlub mis-socjeta' attrici qed jigi milqugh limitatament fis-somma ta' mitejn u ghoxrin lira u erbghin centemzu (Lm220.40).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma msemmija u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u ghoxrin lira u erbghin centemzu (Lm220.40). Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-**

**istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenut u terz mis-socjeta' attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------